IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-13 Diċembru 2022

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank

(BĊE/2022/44)

(2022/C 484/02)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) L-Artikolu 37(1) tal-Att Federali Awstrijakk dwar l-Oesterreichische Nationalbank jistipula illi l-Laqgħa Ġenerali tal-Oesterreichische Nationalbank teleġġi awditur estern u awditur estern alternattiv għal perijodu pluriennali ta' massimu ta' ħames snin. L-awditur estern alternattiv jingħata l-mandat biss f'każ li l-awditur estern ma jistax iwettaq il-verifika.

(3) Il-mandat ta' Ernst & Young Wirtschaftsprüfungsgesellschaft m.b.H., l-awditur estern attwali tal-Oesterreichische Nationalbank, u l-mandat ta' Deloitte Audit Wirtschaftsprüfungs GmbH, l-awditur estern alternattiv attwali, it-tnejn se jintemmu wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2022. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2023.

(4) L-Oesterreichische Nationalbank għażel lil BDO Austria GmbH Wirtschaftsprüfungs- und Steuerberatungsgesellschaft bħala l-awditur estern tiegħu għas-snin finanzjarji 2023 sa 2027. L-Oesterreichische Nationalbank se jagħżel l-awditur estern alternattiv tiegħu aktar tard,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi BDO Austria GmbH Wirtschaftsprüfungs- und Steuerberatungsgesellschaft għandha tinħatar bħala l-awditur estern tal-Oesterreichische Nationalbank għas-snin finanzjarji 2023 sa 2027.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 13 ta' Diċembru 2022.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE